MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 203/2010

**Fl-atti ta' l-ittra ufficjali bin-Numru 10168/06 fl-ismijiet:**

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Sandro Agius (I.D. Nru. 485775M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà GO p.l.c., già maghrufa bl-isem Maltacom p.l.c., fit-2 ta' Gunju 2010 permezz ta' liema titlob li ai termini ta' l-Artikolu 258 *et sequitur* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tigi awtorizzata tipprocedi bil-mandati opportuni fil-konfront ta' l-intimat sabiex tesegwixxi t-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront ta' l-istess intimat nascenti mill-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 10168/06 datata 18 ta' Dicembru 2006, mahruga fil-konfront tieghu u reza ezekuttiva fl-1 ta' Frar 2007, stante li d-debitu ta' l-intimat ghadu minnu dovut izda ghaddew iktar minn tlett

(3) snin minn dakinhar li seta' jigi esegwit tali titolu ezekuttiv fil-konfront ta' l-intimat;

Rat li b' Digriet Taghha tat-8 ta' Gunju 2010 li bih ir-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghall-11 ta' Ottubru 2010 fl-10:15a.m., u gie ordnat li l-istess Rikors u Digriet jigu notfikati lill-intimat bi zmien ghoxrin (20) gurnata ghar-Risposta;

Rat illi r-Rikors u d-Digriet imsemmija gew debitament notifikati lill-intimat izda naqas milli jipprezenta Risposta entro t-terminu prefiss u lanqas deher ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Rat illi l-kontenut tar-Rikors promotur gie debitament ikkonfermat bil-gurament mill-P.L. Noel Scerri in rapprezentanza tas-socjetà rikorrenti, li kkonferma wkoll li l-ammont dovut sa' llum ghadu pendenti;

Rat l-atti l-ohra tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li ghaddew iktar minn tlett (3) snin minn dakinhar li fih skond il-Ligi t-titolu ezekuttiv tas-socjetà rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat nascenti mill-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 10168/06 datata 18 ta' Dicembru 2006, mahruga kontra l-istess intimat seta' jigi esegwit fil-konfront tieghu.

Illi l-P.L. Noel Scerri in rapprezentanza tas-socjetà rikorrenti ikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn pretiz mill-imsemmija socjetà minghand l-intimat u li dan id-dejn ghadu dovut.

Illi l-intimat ma kkontestax ir-Rikors tas-socjetà rikorrenti billi ma ipprezentax Risposta entro t-terminu lilu prefiss u lanqas deher ghas-seduti ffissati mill-Qorti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjetà rikorrenti tirrizulta gustifikata u debitament ippruvata, il-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta tilqa’ it-talba u tawtorizza lis-socjetà rikorrenti tesegwixxi kontra l-intimat, permezz tal-Mandati Ezekuttivi opportuni, it-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront tieghu nascenti mill-ittra ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-Numru 10168/06 datata 18 ta’ Dicembru 2006 mahruga kontra l-intimat; bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------